# 60. Meta nixba' minn kollox

Jiġu jiem li fihom
il-għeja ġġagħalni
nixba' minn kollox:
nixba' mill-fjuri,
nixba' mill-għasafar,
nixba' mill-mewġ u s-sħab,
nixba' mit-talb,
nixba' mill-għemil tajjeb
u nixtieq biss il-ħelsien,
ikun li jkun!

Iżda, ja Muża ħelwa, f'dawk il-jiem
ta' għeja u dieqa kbira,
tiġI fil-kamra tiegħi
u fuq ġwenħajk teħodni
'il fuq miċ-ċpar
fid-dija safja
tas-smewwiet tiegħek,
u wara li lili sserraħ
terġa' ġġibni
ħdejn ommi li tgħannili
il-għanja ħelwa
tas-sabar u l-imħabba.

27/2/72